2026/2072

18.9.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2072

tas-17 ta' Settembru 2026

dwar l-awtorizzazzjoni tal-perlit bħala addittiv fl-għalf għall-pollam tas-simna, il-pollam imrobbi għall-bajd jew għar-riproduzzjoni, l-għasafar ornamentali, il-ħnienes, u l-ħnieżer tas-simna

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-perlit. Ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-perlit bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali terrestri, bit-talba biex l-addittiv jiġi klassifikat fil-kategorija "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "antiagglomeranti".

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-18 ta' Novembru 2025 ([2]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li l-perlit jitqies sikur fil-livell massimu tal-użu ta' 20 000 mg/kg ta' għalf komplet għat-tiġieġ tas-simna u għall-ħnienes miftuma. Din il-konklużjoni hija estiża għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd jew għar-riproduzzjoni, għall-ħnienes mhux miftuma u għall-ħnieżer tas-simna, u estrapolata għal pollam ieħor tas-simna u mrobbi għall-bajd jew għar-riproduzzjoni u għall-għasafar ornamentali. Madankollu, meta jitqiesu l-limitazzjonijiet tal-istudji vvalutati, ma tista' tintlaħaq l-ebda konklużjoni dwar is-sikurezza tal-perlit għal speċijiet u kategoriji terrestri oħra. L-applikant iddeċieda li jirtira l-applikazzjoni għall-ispeċijiet/kategoriji għajr il-pollam tas-simna jew imrobbi għall-bajd jew għar-riproduzzjoni, l-għasafar ornamentali, il-ħnienes (mhux miftuma u miftuma), u l-ħnieżer tas-simna. Ikkonkludiet ukoll li l-addittiv hu sikur għall-konsumaturi u għall-ambjent fil-kundizzjonijiet tal-użu proposti. Fir-rigward tas-sikurezza tal-utenti, l-Awtorità kkonkludiet li l-addittiv mhuwiex irritanti għall-ġilda jew għall-għajnejn iżda jenħtieġ li jitqies bħala sensitizzatur dermali u respiratorju. L-esponiment permezz ta' rotot dermali u tal-inalazzjoni jitqies riskjuż u jenħtieġ li jiġi minimizzat. Ikkonkludiet ukoll li l-perlit hu effikaċi bħala antiagglomerant fl-għalf għall-speċijiet tal-annimali terrestri. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf li ppreżenta l-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni jidhrilha li l-perlit jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Għaldaqstant, l-użu ta' dik is-sustanza jenħtieġ li jiġi awtorizzat għall-pollam tas-simna, il-pollam imrobbi għall-bajd jew għar-riproduzzjoni, l-għasafar ornamentali, il-ħnienes, u l-ħnieżer tas-simna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa biex jiġu evitati effetti avversi fuq saħħet l-utenti tal-addittiv.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj.
([2]) L-*EFSA Journal. 2025;23:e9781*. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9781.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li tappartjeni għall-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u għall-grupp funzjonali "antiagglomeranti", hi awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem l-additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' additttiv/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: additttivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: antiagglomeranti								
1i599	Perlit	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Perlit, espandut ≥ 95,0 % Forma solida. *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Perlit (silikat tas-sodju u l-aluminju): Perlit espandut (ħġieġ vulkaniku tal-aluminosilikat amorfu) ≥ 95 %, Feldspars tas-sodju u tal-potassju ≤ 1 % Miksuba mill-estrazzjoni minerarja Numru CAS 93763-70-3 Numru EC 618-970-4 Formula kimika: $Al_6H_{10}K_2Na_2O_{76}Si_{30}$ Impuritajiet: Nikil: ≤ 2.48 mg/kg Silika kristallina respirabbli: ≤ 1 % Mingħajr asbestos ([1]) *Metodu analitiku* ([2]) Għall-karatterizzazzjoni tal-additttiv tal-għalf: — spettrometrija ta' diffrazzjoni tar-raġġi X (XRD) (EN 13925) u — spettrometrija tal-fluworexxenza bir-raġġi X (XRF) (EN ISO 12677)	Pollam tas-simna Pollam imrobbi għall-bajd jew għar-riproduzzjoni Għasafar ornamentali Ħnienes Ħnieżer tas-simna	-	-	20 000	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin. 2. Għall-utenti tal-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati bi proċeduri u miżuri bħal dawn, l-additttiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż protezzjoni għall-ġilda u għan-nifs. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji ta' inalazzjoni relatati mal-espożizzjoni għas-siliċe kristallina u għan-nikil.	It-8 ta' Ottubru 2036

([1]) Mikroskopija tal-Elettroni tat-Trażmissjoni (TEM).
([2]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en